# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.5

## Kap 4: Il-paċi sabiħa

## Lezzjoni 4.5: Il-Maħfra f'reliġjonijiet differenti

### L-Għanijiet:

**It-tfal:**

1. Jiġu konxji li fid-dinja jeżistu reliġjonijiet barra r-reliġjon Nisranija.

2. Jitgħallmu dwar xi fatti interessanti f'reliġjonijiet oħra.

3. Jitgħallmu dwar kif il-maħfra tiġi ċċelebrata f'reliġjonijiet u kulturi oħra.



### Ir-riżorsi għal-lezzjoni:

- preżentazzjonijiet dwar reliġjonijiet differenti.
- video tad-diska - Hello to all the children of the world



### Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u ddiskussjoni tal-bidu

- Ibda l-lezzjoni billi tistaqsi lit-tfal x'jiftakru mil-lezzjoni preċedenti. Agħmel enfasi fuq l-aspett importanti ta' kemm irridu nirrispettaw u nħobbu lil xulxin huma x'inhuma d-differenzi ta' bejnietna.
- Irrevedi billi tfakkar li kull bniedem iħaddan reliġjon għax kważi kulħadd jemmen f'xi ħaġa. Meta tasal għall-fatt li jeżistu reliġjonijiet differenti, staqsi lit-tfal dwar kif jaħsbu li jagħmlu nies li għandhom reliġjon differenti. Jekk jaħsbux li jħobbu lil xulxin, jirrispettawx lil xulxin, kif jagħmlu meta jiġġieldu......
- Spjega lit-tfal li peress li dan huwa suġġett ġdid għal ħafna f'din il-lezzjoni se jaraw preżentazzjoni sabiex jitgħallmu aktar dwar reliġjonijiet differenti b'enfasi dwar kif jipprattikaw il-valur tal-maħfra.



### Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)



- Uri lit-tfal il-preżentazzjoni. Spjega dak li għandek biex kulħadd jifhem u jipparteċipa.

- Agħmel enfasi fuq l-aspett tal-maħfra u spjega li għalkemm dawn il-metodi jvarjaw minn tar-Reliġjon tagħna, xorta huma metodi li jagħmlu sens u li nistgħu nitgħallmu minnhom.

- Spjega kif kulħadd bil-mod tiegħu jaħdem biex ikun hemm il-paċi bejn il-bnedmin.

- Agħmel enfasi fuq il-fatt li huwa importanti li mhux biss trid titlob maħfra lil Alla imma trid titlob maħfra wkoll lil min tkun weġġajt jiġifieri trid tagħmel paċi mal-persuna l-oħra.

- Staqsi lit-tfal x'laqathom l-aktar u liema fatt sabu l-aktar interessanti.

- Agħlaq il-lezzjoni billi tenfasizza li tajjeb u huwa sew li kulħadd jaħdem biex kemm jista' jkunu iġib il-paċi fejn ikun u jkollu ħbiberija ma' kulħadd.

- Ikkonkludi bis-song: Hello children ........

- Orbot mal-lezzjoni li jmiss: Staqsi lit-tfal kif jaħsbu li kienu jipprattikaw il-maħfra l-ewwel komunitajiet Insara.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Fid-dinja jeżistu diversi reliġjonijiet differenti.
2. Reliġjonijiet differenti jipprattikaw il-maħfra b'modi differenti.
3. Jien nista' nitgħallem xi ħaġa minn kull reliġjon għax kull reliġjon fiha t-tajjeb tagħha.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- It-tfal juru li japprezzaw li l-bnedmin kollha huma msejħin biex jaħfru u allura jifhmu li l-bnedmin kollha għandhom jgħixu fil-paci.
- Huma jaħdmu għall-paċi fl-ambjenti tagħhom.

.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Ikklonkludi l-lezzjoni bil-vidjow tal-kanzunetta Hello to all the children of the world u ħeġġeġ lit-tfal biex ikantaw.



## Nitolbu

O Mulej, agħmel li nies ta' kulturi u reliġjonijiet differenti jkunu kapaċi jgħixu flimkien fil-paċi.

